**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Nru:**
**1380/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**vs**
**Carl Ciantar**

**Illum 25 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carl Ciantar ta' 23 sena bin Carmel u Carmen xebba Vassallo, imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Settembru 1989, residenti gewwa Block D, Dr A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Hal Tarxien, detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 421789M;

Billi akkuzat talli:

1. Nhar l-24 ta' Dicembru 2012 fis-sieghat bikrin ta' filghodu, gewwa Triq San Mikiel, il-Fgura, ikkommetta serq ta' zewg CCTV cameras liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmu (€2329.37) liema serq sar ghad-dannu ta' Alexia Chopping u/jew persuni ohra;
2. Nhar it-23 ta' Dicembru 2012 ghal habta tal-hdax ta' filghaxija (23:00), gewwa Triq Rahal Gdid, Hal Tarxien, ikkommetta serq ta' zewg CCTV cameras liema serq

hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmu (€2329.37) liema serq sar ghad-dannu ta' Sylvan Borg u/jew persuni ohra;

3. Nhar l-24 ta' Dicembru 2012 fis-sieghat bikrin ta' filghodu, gewwa Triq San Tumas, il-Fgura, ikkommetta serq ta' zewg CCTV cameras liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmu (€2329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Clayton Camilleri u/jew persuni ohra;
4. Nhar it-30 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar (12:15), gewwa Triq Gananton Tanti, Hal Tarxien, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti jikkonsistu f'apparat tas-CCTV cameras;
5. Nhar it-30 ta' Dicembru 2012 ghal habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar (12:15), gewwa Triq Gananton Tanti, Hal Tarxien, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti CCTV cameras, li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu;
6. Fl-istess dati, hin u cirkostanzi, naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li permezz tieghu huwa inghata helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;
7. Nhar it-30 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar (12:15), gewwa Triq Gananton Tanti, Hal Tarxien u f'dawn il-Gzejjer, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni bin-numru DBH 687 tal-ghamla Volvo ta' lewn abjad meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
8. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura minghajr ma kellha l-licenzja sabiex tkun tista' tinstaq fit-triq, u ma kinitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Carl Ciantar. Kif ukoll, li tordna s-somma depozitata fir-registru ta' din il-Qorti, u l-garanzija personali ta' elf Ewro (€1000), li gew imposti fuqu sabiex jaghmel

tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni tqis li l-imputat irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati permezz ta' sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 31 ta' Dicembru 2012;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe':

- Estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat mmarkat Dok A;
- Fedina penali ta' l-imputat mmarkata Dok B;
- Stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok C;
- L-okkorenza tal-incident;
- Vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp Joseph Mercieca u Sp Carmelo Magri) vs Lawrence Mangion, Glenn Spiteri u Carl Ciantar deciza nhar it-13 ta' Mejju 2008 minn din il-Qorti diversement presjeduta mmarkata bhala Dok JV1;
- Vera kopja ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversement presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2009, li permezz tieghu l-imputat inghata l-helsien mill-arrest immarkat bhala Dok JV2;
- Vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp Daniel Zammit) vs Carl Ciantar datata 24 ta' Jannar 2013 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mmarkata bhala Dok JV3;
- Vera kopja ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta datat 19 ta' Dicembru 2012 ghall-helsien mill-arrest immarkat bhala Dok JV4;
- Okkorrenza mmarkata Dok GC;
- Okkorrenza mmarkata bhala Dok MC;
- Dettalji dwar il-vettura Ford Ka bin-numru tar-registrazzjoni DBH 687;
- Stqarrija ta' Grazio Calleja datata 13 ta' Jannar 2013 mmarkata bhala Dok GC1;
- Vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Grazio Calleja deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali diversement presjeduta nhar it-28 ta' Jannar 2013 mmarkata bhala Dok GC2;

- Vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lawrence Mangion, Glenn Spiteri u Carl Ciantar deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali diversement presjeduta nhar it-13 ta' Mejju 2008 mmarkata bhala Dok JV;

Rat is-surroga tal-Prim Imhallef datata 27 ta' Ottubru 2017, li permezz taghha, din il-kawza kienet assenjata lill-din il-Qorti hekk presjeduta.

Rat ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe dawk ta' Clayton Camilleri, Saviour Borg, Silvan Borg, Stephen Borg, PS 100 Terrence Azzopardi, PC 722 Charles Vella, Spettur Jurgen Vella, Grazio Calleja, PS 285 Geoffrey Cutajar, Spettur Joseph Mercieca, PC 195 Melvin Calleja, Alexia Chopping, Karen Cremona u Grazio Calleja ghat-tieni darba;

**Clayton Camilleri**

Is-sid tal-hanut tal-hairdressing bl-isem 'Cuts', Triq San Tumas, il-Fgura, irrapporta s-serq tas-CCTV cameras tal-hanut tieghu nhar it-30 ta' Dicembru 2012, pero' x-xhud sostna li mill-footage li gabru, dawn il-cameras kienu ilhom li nsterqu mill-24 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-04:30. Spjega li d-dewmien kien rizultat ta' kemm ikunu mhabbtin bix-xoghol fi zmien il-Milied, u ghaldaqstant kienet l-inqas haga li jinnotaw in-nuqqas taghhom. Ix-xhud spjega wkoll kif il-valur tal-cameras kien ta' madwar €80 kull wahda, u nsterqulu tnejn. Matul is-seduta, ix-xhud intwera l-esebit elevat mill-Pulizija, pero' ma gharafx il-cameras li kienu jappartjenu lilu.

**Saviour Borg**

Is-sid ta' Paramount Snack Bar gewwa Hal-Tarxien, huwa kien irrapporta li nsterqulu tliet CCTV cameras minn mal-faccata tal-hanut tieghu. Sostna kif huwa induna nhar l-24 ta' Dicembru 2012 fit-15:00 ghax staqsietu t-tifla tieghu jekk kienx nehhiehom, u kien hemm li huwa nduna li l-cameras kienu neqsin. Huwa ntwera xi cameras u gharaf wahda minnhom bhala tieghu. Spjega kif huwa rrikovera l-filmat dakinhar stess minghand Alberta, liema footage fil-inghata lill-Ghassa ta' Rahal Gdid fuq CD. Sostna li lill-imputat jafu zghir, u anke kif deher mill-filmat li kien hemm xi hadd jixbah lill-imputat jaqla' s-CCTVs.

Ai fini ta' kjarezza, il-Qorti tinnota li l-istess persuna regghet xehdet fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, fejn l-istess xhud identifika ruhu bhala **Silvan Borg**.

**Silvan Borg**

In segwitu tal-ewwel xhieda tieghu, ix-xhud kompla jispjega kif wara li gibditlu l-attenzjoni t-tifla tieghu, skopra li kien hemm il-cameras neqsin bil-wire imqaccat. Spjega kif kien f'dak il-punt li huwa ghamel ir-rapport tieghu lill-Pulizija. Huwa gharaf tnejn minn erba' CCTV cameras li nterewlu mill-Prosekuzzjoni. Zied jghid li l-cameras jiswew madwar €450 b'kollox, u kien hemm tlieta imwahhlin mal-faccata tal-hanut tieghu.

**Stephen Borg**

Ix-xhud kien mistoqsi dwar vettura Volvo bajda misjuba mill-Pulizija nhar it-30 ta' Dicembru 2012 bin-numru tar-registrazzjoni DBH 687. Din il-vettura nstabet Hal-Tarxien fi Triq Gananton Tanti, li fiha nstabu it-tfalja tax-xhud Antonella Vella, l-imputat u t-tfajla tieghu Katia Zahra. Huwa sostna li sa fejn kien jaf hu, il-karozza tieghu kienet ipparkjata, u li kien rieqed ghand il-habib tieghu Toni meta dan kien qieghed isehh. Semma li huma hadu l-karozza u uzawha, imma aktar minn hekk, ma jafx x'gara. Kien jaf li haduha peress li meta qam, ra li l-karozza ma kinitx ghadha hemm. Meta kien mistoqsi, huwa spjega li l-karozza kienet maghluqa, u li c-cwievet taghha kienu qeghdin fuq il-mejda tal-kcina fid-dar tal-habib tieghu Toni. Meta kien mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd iehor id-dar mieghu, ix-xhud spjega li kienu hu, flimkien mat-tfalja tieghu Antonella, u l-imputat. Zied jghid li t-tfajla tal-imputat Katia ma kinitx maghhom. Meta kien mistoqsi x'kien fiha l-karozza u kemm kienet ilha ghandu, huwa spjega li ma kien izomm xejn fiha ghajr par slippers tieghu u xi hwejjeg tat-tfal tieghu, u l-karozza kienet ilha ghandu madwar gimgha. Intwera l-esebit b'erba' CCTV cameras, u kien mistoqsi jekk qatt dahhalhomx fil-karozza tieghu. Min-naha tieghu, huwa sostna li qatt ma dahhalhom dawk il-cameras, kienet it-tfalja tal-imputat li dahlithom. Sostna wkoll li ma kienx jaf jekk kienux fil-karozza tieghu.

Meta kien mistoqsi mill-Qorti jekk hux jgharaf is-CCTV cameras, huwa wiegeb fin-negattiv, kif ukoll ghall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni jekk qatt gewx f'idejh l-istess cameras. Sostna li lanqas f'idejn l-imputat ma kienu, ghax Karl Ciantar mieghu kien.

**PS 100 Terrence Azzopardi**

Ix-xhud beda biex jispjega li nhar it-30 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-12:15, waqt ronda f'Hal-Tarxien, hu flimkien ma' PC 722 inzertaw karozza Volvo bajda gewwa Triq Gananton Tanti bid-dwal mixghulin, u tliet zghazagh reqdin fiha. Kompla jispjega kif wara diversi attentati biex jigbdulhom l-attenzjoni sabiex iqumu, qam l-imputat. Spjega li waqt li kien qed jaghmel spezzjoni tal-karozza, osserva li kien hemm tliet CCTV cameras imqacctin taht is-seat tas-sewwieq. Peress li kien hemm rapporti ta' CCTV cameras misruqin, huwa informa lill-imputat li kien taht arrest. Fil-pront, huwa informa lill-Ispettur b'dan l-izvilupp, liema Spettur gie sabiex jassistiehom fit-tfittxija tal-karozza.

Ix-xhud kompla jispjega kif regghu saru attentati ohra sabiex iqumu l-passiggiera l-ohra fil-karozza, pero' dawn baqghu ma qamux. Ix-xhud irrileva li nstabu tliet number plates (b'wiehed minnhom ikun Trial Run), oggetti relatati mal-uzu tad-droga, mgharfa u xi mobile phones. Dawn kienu kollha elevati mghoddija lill-Ispettur.

In kontro-ezami, ix-xhud spjega li meta l-imputat kien mistoqsi ta' min kienet il-karozza, qal li kienet proprjeta' ta wiehed maghruf bhala 'il-Melliehi', u mhux tieghu. Meta mistoqsi jekk ittiehdux passi kontra t-tfajliet l-ohra fil-karozza, jew jekk kienux investigati b'xi mod, ix-xhud sostna li ma kienx jaf.
In ri-ezami, ix-xhud spjega li z-zghazagh dehru li kienu taht l-effett ta' xi sustanza, tant li kehha tissejjah ambulanza ghal wahda mit-tfajliet li dehret storduta u ma tafx x'kien qed jigri, ghalkemm hija mbaghad irrifjutat il-kura. Ix-xhud kompla jispjega kif it-tlieta li huma kienu storduti, specjalment mill-mod kif kienu qed jagixxu.

Rigward il-vettura, ix-xhud spjega li hu ma ccekjahiex dak il-hin, pero' zied jghid li ghamlu tfittxija fuq il-post, u s-CCTV cameras li nstabu ghaddewhom lill-Ispettur. Ix-xhud kompla biex jirrileva li meta ccekjaw ir-registrazzjoni tal-karozza, innutaw li l-licenzja taghha kienet skaduta, barra milli kienet tappartjeni lil karozza ohra tad-ditta Peugeot. Ghalhekk, kienet skaduta, kif ukoll falza. Kien wara dawn ir-rivelazzjonijiet li infurmaw li l-imputat kien taht arrest.

**PC 722 Charles Vella**

Ix-xhud beda biex jispjega li hu, flimkien ma' PS 100 Terrence Azzopardi, inzertaw karozza waqt ronda nhar it-30 ta' Dicembru 2012 gewwa Triq Gananton Tanti, Hal-

Tarxien, liema karozza kellha d-dwal mixghulin u tlieta min-nies reqdin fiha. Kompla biex jispjega li wara hafna tahbit mat-twieqi tal-karozza, qam is-sewwieq (l-imputat), u saret tfittxija fejn instabu tliet CCTV cameras imqacctin. Wara dan, sar kuntatt mal-Ispettur, li gie jassisti fit-tfittxija gewwa l-vettura. Ix-xhud kompla jispjega kif malli saret it-telefonata lill-Ispettur, huwa mbaghad eskorta lil Antonella Vella lejn l-Ghassa. Min-naha tieghu, ix-xhud ikkonferma min kien hemm prezenti fil-vettura, u cioe' l-imputat, Antonella Vella u Katia Zahra.

In kontro-ezami, ikkonferma n-numru tar-registrazzjoni tal-karozza bhala DBH 687. Kompla jispjega li sakemm kien fuq il-post, kienet ghadha saritx verifika ta' min kien is-sid tal-karozza in kwistjoni, u ma setax jikkonferma jekk l-imputat qal li l-vettura kienet tappartjeni lil Stephen Borg, maghruf bhala 'il-Melliehi'.

**Spettur Jurgen Vella**

Ix-xhud beda biex irrileva li nhar il-25 ta' Dicembru 2012, sehhet serqa minn hanut jismu 'Toshiba' gewwa Vjal Sir Paul Boffa, Paola, fejn insterqu zewg settijiet tat-Television. Kompla jispjega li l-vettura li ntuzat fis-serqa instabet mahruqa fit-Triq tal-Barrani z-Zejtun, u li in konessjoni mal-istess serqa, kien arrestat l-imputat, pero' wara li ttiehdulu d-dettalji, ma ttiehdux passi kontra tieghu. Ix-xhud irrileva wkoll li dakinhar tas-serqa, l-imputat kien liebes gakketta bajda bil-hood u jeans blu.

Kompla biex semma incident iehor, fejn nhar l-24 ta' Dicembru 2012, certu Silvan Borg irrapporta serqa ta' 3 CCTV cameras li kienu imwahhlin mal-faccata tal-hanut Paramount Snack Bar. Filmat tas-serqa indika li persuna tixbah hafna lill-imputat b'ilbies simili, hwejjeg li minn kif kien osservat, kienu simili ghal dawk li kien arrestat bihom l-imputat fis-serqa tal-25 ta' Dicembru 2012.

Nhar is-26 ta' Dicembru 2012, certu Alexia Chopping irrappurtat serqa fil-hanut taghha Boo & Co, fi Triq San Tumas, il-Fgura, fejn insterqu zewg CCTV cameras minn mal-faccata tal-istess hanut. Ghal darba ohra, il-filmat wera persuna b'gakketta bajda li deher jixbah lill-imputat. Skond is-Sinjura Chopping, dawn il-cameras kienu jiswew madwar €700.

Nhar it-30 ta' Dicembru 2012, certu Clayton Camilleri, sid il-hanut 'Kicks Cut' fi Triq San Tumas, il-Fgura irraporta serqa ta' zewg CCTV cameras li tqacctu. Mill-filmat rikoverat, jidher li s-serqa sehhet nhar it-24 ta' Dicembru 2012 bejn l-04:30 u l-04:45. L-istess filmat wera persuna b'gakketta bajda li uzat cint sabiex tigbed il-cameras. Skont is-Sur Camilleri, dawn kienu jiswew madwar €60 kull wahda.

Fl-istess gurnata, u cioe' t-30 ta' Dicembru 2021, PS 100 u PC 722 kienu qieghdin jaghmlu r-ronda taghhom meta fi Triq Gananton Tanti, Hal Tarxien, instabet vettura bajda tad-ditta Volvo bin-numru tar-registrazzjoni DBH 687, bi tliet zghazagh mitlufin minn sensiehom. Wara diversi tentattivi, qam l-imputat, li qajjem l-passiggiera ta' hdejh Antonella Vella. Baqghu isiru attentati sabiex tqum Katia Zahra, pero' dawn ma rnexxewx. Ghalhekk issejhet ambulanza fuq il-post. PS 100 ghamel it-tfittxija tieghu fil-vettura u kienu elevati numru ta' oggetti, fosthom erba' CCTV cameras (tlieta taht is-seat tas-sewwieq u wahda fil-bagoll tal-istess karozza) u speci ta' pipa li tintuza ghat-tehid tad-droga, liema oggetti kienu mghoddija lilu (l-Ispettur).

Nhar il-31 ta' Dicembru 2012 saret l-interrogazzjoni tal-imputat u Antonella Vella. Min-naha tieghu, spjega x-xhud, l-imputat ghazel li jkollu l-assistenza legali ta' Dr. Marion Camilleri waqt li tittehidlu l-istqarrija. Meta kien mistoqsi jekk kienx qed il-vettura Volvo, l-imputat qal li kienet Antonella Vella li saqet il-vettura, pero' wara li ghal xi raguni ma felhitx issuq, kompla jsuqha hu sa fejn instab mill-Pulizija PS 100 u PC 722. L-imputat imbaghad kompla biex isostni li l-vettura kienet tappartjeni lil certu Stephen Borg, maghruf bhala 'il-Melliehi'. Ix-xhud spjega li ttiehdet l-istqarrija ta' Antonella Vella, li min-naha qalet li rat lill-imputat idahhal il-cameras fil-karozza. Wara li x-xhud ikkonfrontahom it-tnejn fuq din l-informazzjoni, l-istess Antonella qalet li l-cameras ma kienux tal-gharus taghha, izda kien dahhalhom l-imputat fil-karozza.

Ix-xhud kompla jispjega kif baghat ghad-derubati, fejn Silvan Borg gharaf uhud mil-cameras bhala tieghu, u dan minn kif jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Silvan Borg, u anke ressaq lil certu Grazio Calleja ghall-arrest, u l-kawza tieghu kienet deciza. Ix-xhud zied jghid li Calleja nnifsu semmielu kif xi whud mill-cameras gew minghand l-imputat. Sussegwentment, l-istess xhud esebixxa kopja tas-sentenzi decizi nhar it-13 ta' Mejju 2008 u l-24 ta' Jannar 2013.

**Grazio Calleja**

Ix-xhud beda biex jispjega li huwa wehel ghaxar xhur habs fuq serq ta' CCTV cameras u oggetti relatati mal-qtugh tax-xahar. Filwaqt li qatt ma sspecifika minghand min xtrahom, xehed li xtara uhud mis-CCTV cameras "mill-idejn.". Ghalkemm ma jiftkarx minghand min inxtraw, sostna li huwa jaf li l-oggetti li ghalihom wehel is-sentenza ta' ghaxar xhur habs kienu ritornati.

Rigward l-imputat, ix-xhud qal biss li huma mill-istess rahal (Hal-Tarxien), u li gieli ltaqa' mieghu fil-festa tal-istess Hal-Tarxien. Sostna wkoll li huwa ma xtarax is-CCTV cameras minghand l-imputat.

**PS 285 Geoffrey Cutajar**

Ix-xhud ipprezenta r-rapport ta' Silvan Borg tal-24 ta' Dicembru 2012, u spjega li ra l-filmat, liema filmat ghaddieh lill-Ispettur.

**Spettur Joseph Mercieca**

Ix-xhud spjega li kien wiehed mill-Ufficjali Prosekuturi f'kawza ohra kontra l-imputat u li ghal kull buon fini ipprezenta kopja tas-sentenza moghtija nhar it-13 ta' Mejju 2008.

**PC 195 Melvin Calleja**

Ix-xhud beda biex jispjega kif nhar it-23 ta' Dicembru 2012, certu Alexia Chopping ghamlet rapport lill-Pulizija dwar serqa ta' zewg CCTV cameras taghha li kellhom il-valur ta' €700. Spjega li dawn insterqu mill-hanut tas-sinjura Chopping bl-isem 'Boo & Co' fi Triq San Mikiel, il-Fgura, minn mal-faccata tal-istess hanut. Spjega wkoll li kien hemm xi filmati li s-sinjura Chopping ghaddiet lill-Pulizija, pero' sostna li huwa rax il-kontenut ta' dawn il-filmati, u dan peress li dawn inghataw lill-Ispettur. Huwa kkonferma li kienu zewg cameras li insterqu minn fuq il-post.

**Alexia Chopping**

Is-sid tal-hanut 'Boo & Co' fi Triq San Mikiel, il-Fgura, xehdet kif nhar is-26 ta' Dicembru 2012, il-gar infurmaha li xi hadd kien serqilha s-CCTV cameras taghha minn mal-faccata tal-hanut. Spjegat kif wara li rikoverat il-filmat, hija tatu lill-Pulizija. Min-naha taghha, hija

kkonfermat li nsterqulha zewg CCTV cameras, u li s-sett kollu kien jiswa madwar €700. Wara li kienet mitluba telabora fuq dan l-ammont, hija kompliet tispjega kif dan il-prezz inkluda fih l-installazzjoni tal-istess cameras, u wara li kienet mistoqsija mill-Qorti, ikkonfermat li l-valur ta' dawn il-cameras huwa inqas minn €2,300, u aktar minn €200. Ix-xhud, wara li tpoggitilha l-mistoqsija, spjegat li hija qatt ma rat lill-imputat, u qatt ma rat il-filmat. Fil-fatt kienet talbet lil min kien installalha l-cameras biex jigi rikoverat il-filmat. Sostniet ukoll li l-hanut l-ahhar li fetah kien nhar it-23 ta' Dicembru 2012, u dam miftuh sas-19:00.

**Karen Cremona**

Rapprezentanta ta' Transport Malta, hija xehdet fuq rapport dwar vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBH 687, rigward il-licenzja u l-assikurazzjoni tal-istess vettura sat-30 ta' Dicembru 2012. Hija rrilevat lill-Qorti li din il-vettura – li hija Ford Ka ta' lewn iswed – tghajjat lil certu Alice Vella, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 354466M, u li l-licenzja ta' din il-vettura kienet ilha skaduta mit-30 ta' April 2012. Spjegat pero', li nhar it-30 ta' Dicembru 2013, din il-karozza kienet iggaraxxjata u l-licenzji dovuti kienu thallsu.

**Grazio Calleja**

Imsejjah ghat-tieni darba biex jixhed, spjega li s-CCTV cameras ma kienx tahomlu l-imputat, ghalkemm semma li kien jafu. Rigward il-pussess tal-istess cameras, huwa sostna li kien diga' tressaq il-Qorti dwarhom, u anke inghatat sentenza dwar dan. Meta kien mistoqsi ghal darba ohra dwar l-imputat, huwa rega' sostna li kien jafu peress li kien mill-istess rahal, u li l-cameras kienu ghandu, pero' ma jiftakarx min kien tahomlu. Wara dan, il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-istqarrija maghmula mix-xhud nhar it-13 ta' Jannar 2013 fejn kien mistoqsi dwar xi oggetti li nstabu fir-residenza tieghu li allegatament kienu misruqin. Wara li kien ammetta li whud minnhom kienu misruqin, il-Prosekuzzjoni staqsietu jekk jiftakarx dak li qal dakinhar. Ix-xhud wiegeb li kien taht l-influwenza tad-droga, u ghalhekk ma setax jiftakar sew x'kien gara dakinhar. Wara li kien mistoqsi dwar jekk qatt inghatax xi haga minghand l-imputat, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirrigwarda dwar serq ta' diversi cameras li jintuzaw ghal CCTV. Illi fost l-akkuzi li ghandu l-imputat huma dwar serq u ricetazzjoni ta' dawn ic-CCTV cameras misruqa minn diversi hwienet li kienu mghammra bihom. Illi minn dak li qalu d-derubati kienu indunaw li sabu c-CCTV camera mqaccta u misruqa. Illi pero' deher li s-sistema irregistrat din is-serqa u l-filmati gew mghoddija lill-Pulizija. Irrizulta li waqt ronda tal-Pulizija, gie innutata vettura wieqfa li kellha d-dawl mixghul u gewwa fiha kien hemm tlett persuni li deheru reqdin. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex il-Pulizija tqajjem lil dawn iz-zaghzagh, kien ghadda ftit tal-hin sakemm qam u hareg mill-vettura l-imputat Carl Ciantar. Illi meta ghamlu tfitxxija f'din il-vettura, l-Pulizija sabu tlett CCTV cameras li kienu taht is-seat tax-xuffier. Ma dan sabu wkoll oggetti fl-istess vettura li jintuzaw ghat-tehid tad-droga. Illi ghalhekk skont il-Pulizija, dawn it-tlett persuni setghu kienu taht l-effett ta' xi droga. Irrizulta pero li l-vettura li kienet tal-ghamla Volvo kienet tappartjeni lil certu Stephen Borg u li skont ma qal fix-xhieda tieghu ma kienx ta l-permess tieghu sabiex xi hadd jsuqha u juza. Illi pero ma kienx jaf min seta' hadha.

Illi ghalkemm xehedu d-diversi derubati, kien biss Silvan Borg li gharaf CCTV cameras li kienu sabu l-Pulizija fil-vettura li kien hemm gewwa fiha l-imputat. Illi fil-kaz taz-zewg derubati ohra, c-CCTV cameras misruqa lilhom ma kienux instabu.

Illi mix-xhieda hareg li l-persuna li seta' kien involut f'dawn is-serqiet jidher li kienet l-istess persuna tant li kienet libsa l-istess hwejjeg. Illi mill-fatt li nstabu dawn ic-CCTV cameras fil-vettura li kien fiha l-imputat flimkien ma' zewg persuni ohra, wassal il-Pulizija sabiex jarrestaw lill-imputat in konnessjoni ma' dawn is-serqiet.

**Ikkunsidrat**

Provi

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta'

prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Kif jigri fil-maggoranza tal-kazijiet, il-Qorti hafna drabi tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti ta' dak li jkun allegament sehh. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

## Ir-Reat ta' Serq

Illi ghalhekk mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuni involuta f'dawn is-serqiet. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif gie deciz fl-ismijiet r-*Repubblika ta' Malta v George Spiteri* deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa*

*hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet *Pulizija vs Paul Grech* deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wiehed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz *Pulizija vs James Abela* deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

> *'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi dan il-kaz huwa mibni kollhu kemm hu fuq provi indizzjarji fejn mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li persuna qalghet dawn ic-CCTV cameras minn fejn kienu mwahlien minn diversi postijiet. Kienu biss minn serqa wahda li nstabu gewwa vettura li kien fiha l-imputat flimkien ma'zewg persuni ohra. Illi dawn ic-CCTV cameras instabu taht is-seat fejn kien hemm l-imputat. Illi pero ghandu jinghad li ghalkemm id-derubati ghaddew il-filmati lill-Pulizija sabiex jghinuhom fl-investigazzjoni kif ukoll xi ritratti li ha l-istess ufficjal investigatur fuq investigazzjoni ohra, illi dawn il-provi ma gewx imressqa quddiem il-Qorti. Illi lanqas ma kien hemm talba minn naha tal-prosekuzzjoni sabiex jigu analizzati xi filmati. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li qal l-ufficjalu prosekutur fuq il-persuna li setghet ikkommetiet dawn is-serqiet. Illi lanqas fuq xhieda ohra li raw il-filmati ladarba din il-prova ma ngiebietx ghal konjizzjoni ta' din il-Qorti.

Illi l-unika prova li b'xi mod tista' torbot lill-imputat ma' serqa li saret ghad-detriment ta' Silvan Borg, kienu c-CCTV cameras li nstabu fil-vettura. Illi Silvan Borg kien gharaf wahda minn dawn il-cameras li kienu sabu l-Pulizija. Illi hawnhekk johrog bic-car li kien hawn nuqqas tal-mod kif gew preservati l-provi meta hadd mill-Pulizija ma fotografa l-istess sejba tal-oggetti misjuba fil-vettura. Illi jidher ukoll li lanqas sar xi ezami forensiku fuqhom sabiex jigi stabbiliet min kienet il-persuna li almenu setghet qalghet dawn ic-CCTV cameras. Illi ghalkemm dawn ic-CCTV cameras instabu taht is-seat ma jistax jinghad b'certezza li kien l-imputat ladarba l-prova tal-filmati u ritratti ohra li gew imsemmija mill-istess xhieda ma ngabux bhala prova.

Illi wkoll ghandu jinghad, il-fatt li dawn ic-CCTV cameras instabu taht is-seat fejn kien hemm l-imputat, dan ma jfissirx li kien hu li hadhom u poggiehom hemm. Illi minn dak li qal l-istess ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu semma li kien ghamel konfront mal-imputat u Antonella Vella. Illi anki hawn il-prosekuzzjoni naqset li tressaq lil dan ix-xhud

Antonella Vella sabiex dak li semma l-istess spettur jigi konfermat minn dan ix-xhud. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dik il-parti tal-konfront li sar fl-ufficcju tal-ispettur biex tasal ghal konkluzzjoni li kien l-istess imputat li poggiehom hemm. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif tista' htija li kien l-imputat li ha dawn ic-CCTV cameras u poggiehom fl-istess vettura li kien fiha meta kien hemm zewg persuni ohra fl-istess vettura. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija tas-serq ta' dawn il-CCTV cameras kemm ghal fatt li ma ngiebux il-filmati mghoddija mill-istess derubati bhala prova u lanqas xhieda ohra li jistghu jikkonfermaw dak li ntqal.

**L-akkuza ta' Ricetazzjoni**

Illi sabiex l-akkuza ta' ricettazzjoni tirnexxi trid li tassigura li jigu pruvati l-elementi kollha necessarji ta' dan ir-reat. Fir-reat ta' ricetazzjoni il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruqa b'qerq jew akkwistati b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Brown** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015) gie kkunsidrat li:

> *'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il-kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta'*

*Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri** (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011) gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.* (ara wkoll Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998)

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputat xjentement laqgha ghandu dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Illi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova il-kaz taghha gabet lil certu Grazio Calleja fejn meta xehed fis-seduta tat-30 t'April 2013 kien qal li kien wehel ghaxar xhur habs talli kien xtara CCTV cameras imma ma kienx semma lill-imputat li kien bieghlu dawn il-cameras. Meta rega ingieb sabiex jixhed fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2014, huwa rega innega li kien l-imputat li bieghlu c-CCTV cameras. Ghalkemm fl-istqarrija li giet esebita sabiex jigi konfrontat biha, kien qal li kien xtara minn ghand l-imputat u nies ohrajn, imma ma ndikax liema CCTV cameras kienu u minn fejn kienu insterqu. Illi din kienet l-unika prova li tresqet sabiex jigi stabbilit ir-reat ta' ricetazzjoni sabiex iwiegeb ghaliha l-imputat. Illi minn dak li ntqal minn dan ix-xhud ma tantx xehet xi dawl li l-imputat kien involut. Illi pero ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni tat din l-akkuza bhala alternativa ghas-serq. Illi f'dan il-kaz, is-semplici fatt li l-imputat seta' kien involut fis-serq tal-oggetti in kwistjoni ma jistax jirrizulta wkoll li huwa hati ta' ricetazzjoni meta prova ma ngiebitx li huwa kien involut fil-bejgh ta' dawn l-oggetti. Illi ghalkemm xi CCTV cameras instabu taht is-seat ta' karozza, ma jistax jinghad li kien l-istess imputat li seraq dawn il-CCTV cameras. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija tar-reat ta' ricetazzjoni.

Theory of Recent Possession – l-artikolu 286 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll that dak li hemm fl-artikolu 286 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu jghid espressament li:

> ***286.*** *Il-piena stabbilita ghas-serq semplici skont il-valur tal-haga misruqa, tigi moghtija lil kull min, wara li jkun gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' hwejjeg misruqa minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu.*

Illi f'dan il-kaz l-imputat kien qieghed gewwa vettura u taht is-seat instabu CCTV cameras li wara irrizulta li kienu misruqa ftit qabel is-sejba mill-Pulizija li marru jinvestigaw. It-teorija tal-pussess recenti ta' oggetti misruqa ukoll tohloq il-presunzjoni li l-persuna li fil-pussess taghha instabet ir-res furtiva huwa hati tas-serq:

> ***"Hu evidenti li meta oggetti misruq jinstabu, fi zmien qasir wara li jkun sar is-serq, fil-pussess ta' xi hadd, tapplika l-hekk imsejha doctrine of recent possession. "If the accused was found in possession of goods which had recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the jury may be entitled to infer that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved: the legal burden of proof remains on the prosecutin as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected" (Blackstone). Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi min jiehu pussess ta' xi oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru illi dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbandunat minn sidu jikkommetti serq (****Il-Pulizija vs Carmel Debono deciza fl-1 ta' Novembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ippresedut mill-Imhallef Vincent Degaetano).*

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz li sehhew kif ukoll ta' din it-teorija, din il-Qorti tista' legalment u ragjonevolment tasal sabiex tiddeduci li l-imputat huwa fil-fatt hati tas-serq. Dan ghaliex r-*res furtiva* instabet fil-pussess tieghu ftit hin wara li insterqet u l-imputat ma tax spjegazzjoni ghal dan il-fatt. Huwa indubitat allura illi l-oggetti gew mehuda mill-pussess tas-sidien minghajr il-kunsens taghhom u li wkoll instabu fil-pussess tieghu ghalkemm mohbija taht is-seat li huwa kien bilqieghda fuqhu.

**L-akkuzi numri sebgha u tmienja**

Illi dawn iz-zewg akkuzi huma relatati ma' xulxin dwar sewqan ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBH 687. Illi mix-xhieda mghotija mill-istess Pulizija qalu li marru hdejn vettura li kienet wieqfa u gewwa fiha kien hemm l-imputat ma' zewg persuni ohra. Illi hadd mill-istess Pulizija ma qalu li raw lill-imputat isuq din il-vettura. Illi lkoll qablu li l-

vettura kienet wieqfa u kellha d-dawl mixghul. Illi ghalkemm l-imputat kien gewwa fiha u din il-vettura kienet wieqfa ma jfissirx li saq din il-vettura meta prova ma tressqet xejn. Illi ghalkemm irrizulta li din il-vettura kienet tghajjat lil persuna ohra u mhux tal-imputat, ma jirrizultax li kien hu li saq din il-vettura. Ghalkemm tela' jixhed sid il-vettura u cioe' Stephen Borg qal li kienu hadulu l-vettura u ma semma xejn li kien l-imputat li saq l-istess vettura. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara li l-imputat saq din il-vettura meta ebda prova ma tresqet li turi li kien hu li saq din il-vettura meta anki mill-istess xhieda tal-Pulizija hareg li kienet wieqfa meta marru jinvestigaw. Illi ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dawn iz-zewg akkuzi. Illi wkoll ghandu jinghad a bazi tad-diversi sentenzi mghotija dwar id-dritt li persuna tkun assistita minn avukat waqt l-interogazzjoni, l-istqarrija maghmula mill-imputat ma tistax titqies bhala prova kontra tieghu u ghalhekk din il-Qorti ma haditx konjizzjoni taghha.

**L-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-ksur ta' digriet tal-libertà provizorja huwa regolat mill-Artikolu 579 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *579. (1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u,* ***barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu****:*
>
> *Illi din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

Illi a fol 61 tal-process gie esebiet dokument dwar l-ghoti tal-helsien mill-arrest ta' Carl Ciantar. Illi dan id-dokument kien inhareg fis-sena 2012 u vera kopja tieghu qieghda fl-atti kif inghad hawn fuq (dok JV 4). Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma resqet lil hadd sabiex jikkonferma l-kundizzjonijiet mghotija ghal helsien mill-arrest. Illi f'dan il-kaz lanqas ma tresqet prova min-naha tad-difiza li dawn il-kundizzjonijiet ma kienux ghadhom in vigore. Illi il-kundizzjonijiet li gew imposti lill-imputat kienu biss li jkun gewwa hin partikolari tal-gurnata u ma gew imposti ebda sommom ta depozitu jew garnazija. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti ma tista tordna ebda konfiska ta' flus ladarba

ma kienx hemm din il-kundizzjoni. Illi f'dan il-kaz wahda mill-kundizzjonijiet impost kienu li ma jikkomettiex reat iehor. Ladarba din il-Qorti sabitu hati tal-hames akkuza, ghalhekk tara li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu taht l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-akkuza tar-Recidiva – l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad mill-ewwel li sentenza li giet esebita fil-konfront tal-imputat kienet dwar serq aggravat (sentenza tat-13 ta' Mejju 2008 li tinstab a fol 53) fejn l-imputat kien gie misjub hati u kkundannat ghal piena ta' sena prigunerija sospizi ghal tlett snin. Illi f'dan il-kaz kien tela jixhed l-ispettur Joseph Mercieca fejn ikkonferma bil-gurament u gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna li huwa kien ressaq il-Qorti fuq din l-akkuza.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa,

> "*Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa.*"

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza fil-13 ta' Mejju 2008 fejn l-imputat kien gie kundannat piena ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett snin. Illi f'dan il-kaz it-terminu impost kien skada tant li ma giex akkuzat li huwa kien ikkommetta reat fil-perijodu operattiva taghha. Illi ghalhekk din is-sentenza saret wahda

definittiva u ma tistax tithassar. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-principju tar-recidiva japplika u ghalhekk din il-Qorti qieghda ssibu hati taht l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu huwa gie akkuzat ukoll taht l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandhux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi.

L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'kazijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) jekk tigi misjuba hatja, l-piena tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-sentenza esebita kienet tikkoncerna wahda ta' serq.

Illi skont kif inhu deciz, l-imputat gie meqjus li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Ghalkemm is-sentenza esebita kienet tittratta fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jigi applikat u cioe' taghti lok ghal zieda fil-piena. L-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' recidiva..." u peress li r-recidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata "tkun giet ikkundannata ghal reat..." Ghalhekk ladarba li l-imputat instab hati tar-recidiva skont l-artikolu 49, allura skont l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk is-sentenza taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2) 286, 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Carl Ciantar hati tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni filwaqt li ma ssibux hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom, tikkundannah ghal perjodu ta' tnax-il xahar pringunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu ta' zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**

**Deputat Registratur**